



Brussell, 28 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14708/16

Fajls Interistituzzjonali:

2016/0133 (COD)
2016/0222 (COD)
2016/0223 (COD)
2016/0224 (COD)
2016/0225 (COD)

ASILE 80
ASIM 157
RELEX 972
CODEC 1704

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8715/1/16 REV 1 ASILE 11 CODEC 613 11318/1/16 REV 1 ASILE 28 CODEC 1078 11316/16 ASILE 26 CODEC 1076 + ADD 1 11317/16 ASILE 27 CODEC 1077 + ADD 1 + ADD 2 11313/16 ASIM 107 RELEX 650 COMIX 534 CODEC 1073
Suġġett:	– Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) (L-ewwel qari) – Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (L-ewwel qari) – Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul (L-ewwel qari) – Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (L-ewwel qari)

- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (L-ewwel qari)
- = Rapport ta' progress
-

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-13-14 ta' Ottubru 2016, il-Kunsill ĠAI approva l-approċċ fuq tliet linji ssuġġerit mill-Presidenza Slovakka għall-eżami tar-riforma tas-SEKA matul il-mandat tagħha¹.

Abbażi ta' dan, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil temm l-ewwel ċiklu ta' eżami tar-Regolament ta' Dublin, ir-Regolament dwar il-Kwalifika u d-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza u beda dak tar-Regolament dwar il-Proċedura.

II. IR-REGOLAMENT TA' DUBLIN

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil beda l-eżami tal-proposta fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016.
3. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri daħħlu **riżervi ġenerali ta' skrutinju**, il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet qablu dwar il-**ħtieġa li jiġu riformati r-regoli attwali ta' Dublin u appoġġaw tnejn mill-għanijiet ewlenin** tar-Regolament: li jiġi determinat aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tat-talbiet għall-asil u l-prevenzjoni ta' movimenti sekondarji.
4. It-tħassib prinċipali mqajjem mid-delegazzjonijiet matul l-ewwel ċiklu ta' eżami tal-proposta kien jinkludi:
 - Stat Membru uniku responsabbli għall-eżami ta' talbiet għall-asil u t-tneħħija tat-tmiem tar-responsabbiltà;

¹ Dwar l-approċċ fuq tliet linji, ara l-punt 12 fid-dokument 12724/16.

- l-obbligu li l-Istat Membru fejn tkun ġiet iddepożitata l-applikazzjoni jagħmel ċerti verifiki qabel ma jiġu applikati l-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli;
 - id-definizzjoni ta' “membri tal-familja”;
 - regoli emendati għar-rimedji;
 - skadenzi iqsar għad-detenzjoni u trasferimenti;
 - il-mekkaniżmu korrettiv ta' allokazżjoni u l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà finanzjarja;
 - kwistjonijiet ta' natura Prattika, operazzjonali u finanzjarja fir-rigward tas-sistema awtomatizzata l-ġdida.
5. L-eżami tal-proposta għar-riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin mill-korpi preparatorji tal-Kunsill huwa mistenni li jerġa' jibda daqt, wara gwida dwar it-triq 'il quddiem fil-livell politiku.

III. ID-DIRETTIVA DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TAL-AKKOLJENZA

6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil wettaq l-ewwel ċiklu ta' eżami tal-proposta fil-laqgħat tiegħu tad-9 u l-21 ta' Novembru 2016. Filwaqt li d-delegazzjonijiet **ġeneralment laqgħu l-oġettivi** tal-proposta, **kważi d-delegazzjonijiet kollha daħħlu riżerva ġenerali ta' skrutinju** dwar il-proposta kollha. Iddaħħlu wkoll **riżervi sostantivi** dwar ċerti artikoli, speċjalment meta marbuta mar-Regolament ta' Dublin u proposti oħra tal-pakkett.
7. Il-tħassib prinċipali mqajjem mid-delegazzjonijiet matul l-eżami tal-proposta kien jinkludi:
- ċerti definizzjonijiet bħal “membri tal-familja”, “tutur”, “kondizzjonijiet materjali tal-akkoljenza”, “riskju ta' ħarba”;
 - l-iskadenza għall-Istati Membri biex jinfurmaw bis-sħiħ lill-applikant dwar kwalunkwe benefiċċju jew l-obbligi li għandhom jikkonformaw magħhom b'rabta mal-kondizzjonijiet tal-akkoljenza;

- ir-raġunijiet sabiex l-Istati Membri jipprovdu lill-applikanti b'dokument tal-ivvjaġġar għal raġunijiet umanitarji serji jew għal raġunijiet imperattivi oħra;
- l-iskadenza mqassra għall-Istati Membri biex jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess effettiv għas-suq tax-xogħol;
- it-trattament ugwali bħaċ-ċittadini meħtieġ fil-każ tar-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali;
- il-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet insuffiċjenti għall-applikanti li ma jikkooperawx;
- l-obbligu li jiġi vvalutat b'mod sistematiku jekk l-applikant hux applikant bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali;
- l-iskadenza biex jinħatar tutor li jirrappreżenta u jassisti minuri mhux akkumpanjati;
- l-obbligu għall-Istati Membri li jikkunsidraw l-istandards operazzjonali dwar il-kondizzjonijiet tal-akkoljenza u l-indikaturi żviluppati mill-Aġenzija l-għdida tal-Unjoni Ewropea għall-Asil;
- l-obbligu għall-Istati Membri li jfasslu, u jaġġornaw regolarment, pjanijiet ta' kontinġenza;
- id-data għat-traspożizzjoni tad-Direttiva.

IV. IR-REGOLAMENT DWAR IL-KWALIFIKA

8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil beda l-eżami tal-proposta fil-laqgħa tiegħu tas-27-28 ta' Ottubru u kompli fit-8 ta' Novembru 2016. **Il-bieċa l-kbira tad-delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju.**
9. Il-kwistjonijiet ewlenin imqajma mid-delegazzjonijiet jinkludu:
 - ċerti definizzjonijiet bħal “membri tal-familja”, “irtirar tal-protezzjoni internazzjonali”, “sigurtà soċjali”, “assistenza soċjali” u “tutor”;
 - l-artikolazzjoni bejn l-istatus umanitarju nazzjonali u dak ta' protezzjoni internazzjonali;

- l-obbligu għall-Istati Membri li jibbażaw irwieħhom fuq l-analiżi u l-gwida komuni tal-Aġenzija tal-UE għall-Asil dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini;
 - il-piż għall-Istati Membri li juru d-disponibbiltà tal-protezzjoni interna;
 - ir-rieżamijiet sistematiċi u regolari obbligatorji tal-istatus ta' protezzjoni;
 - ir-raġunijiet għar-revoka, it-tmiem jew ir-rifjut tal-istatus ta' refuġjat jew l-esklużjoni ta' persuna eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;
 - l-iskadenza ta' 30 jum, wara li tingħata l-protezzjoni internazzjonali, biex l-Istati Membri joħorġu permess ta' residenza; il-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza kif ukoll id-distinzjoni magħmula bejn iż-żewġ kategoriji ta' protezzjoni internazzjonali f'dan il-kuntest;
 - l-aċċess għas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali;
 - l-iskadenza għall-ħatra ta' tutur legali għal minorenni mhux akkumpanjati;
 - l-iskadenza għall-applikabbiltà tar-Regolament;
 - l-għażla tal-istrument legali (Regolament minflok Direttiva).
10. Fil-laqgħa tiegħu fid-19-20 ta' Diċembru 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil ser ikompli jeżamina din il-proposta abbażi ta' suġġerimenti ta' kompromess tal-Presidenza.

V. IR-REGOLAMENT DWAR IL-PROĊEDURA

11. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil s'issa eżamina l-Artikoli 1-18 tal-proposta fil-laqgħat tiegħu tat-8, il-21 u t-22 ta' Novembru 2016.
12. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri daħħlu **riżervi ta' skrutinju** u diversi minnhom daħħlu wkoll **riżervi parlamentari**. Madankollu, hemm **appoġġ ġenerali għall-oġettiv** tal-proposta tal-Kummissjoni li jiżdied il-livell ta' armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' asil fl-UE. Iddaħħlu wkoll diversi **riżervi sostantivi**, speċjalment fir-rigward tal-elementi marbutin mar-Regolament ta' Dublin, kif ukoll fir-rigward tal-proposti l-oħra ta' riforma tas-SEKA.

13. It-tħassib li tqajjem s'issa mill-Istati Membri jinkludi:

- jekk hux opportun li d-Direttiva attwali titbiddel f'Regolament fid-dawl tal-obbligi l-ġodda involuti;
- id-differenzi bejn id-definizzjonijiet li jinsabu fid-diversi proposti ta' riforma tas-SEKA;
- l-elementi li jinvolvu artikulazzjoni bejn dan ir-Regolament u r-Regolament ta' Dublin;
- l-obbligu tal-awtorità determinanti li tipprovdi l-applikanti bis-servizz ta' interpretu, inkluż l-istadju tal-appell;
- il-livell ta' assistenza li għandu jingħata lill-awtorità determinanti mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra u mill-EASO;
- id-dritt għal assistenza u rappreżentanza legali b'xejn għall-istadji kollha tal-proċedura (amministrattiva u ġudizzjarja);
- l-obbligu li jiġu rreġistrati l-intervisti u li jinħażnu r-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni tal-intervista.

VI. IR-REGOLAMENT DWAR IR-RISISTEMAZZJONI

14. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil ser jibda l-eżami dettaljat tal-proposta artikolu wara l-ieħor fir-rigward tal-ħolqien ta' Qafas tal-UE għar-Risistemazzjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2016.

II. KONKLUŻJONI

15. Il-COREPER u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.